MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 646/2006

***Guido Vella Limited***

***Versus***

***Red Square Limited* u Donald John Bonnici**

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta’ tlieta u għoxrin elf, mitejn u ħamsa u għoxrin lira u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm23,225.52) – daqs erbgħa u ħamsin elf u mitt euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€54,100.91) – prezz ta’ merkanzija mibjugħa lis-soċjetà konvenuta *Red Square Limited*. Għal dan id-dejn jagħmel tajjeb ukoll il-konvenut Donald John Bonnici bħala garanti solidali.
L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, u l-imgħaxijiet kummerċjali sa meta jsir il-ħlas.
Kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali. Fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2006 dehru l-konvenuti u, fil-waqt illi

s-soċjetà *Red Square Limited* ammettiet parti mid-dejn u l-konvenut Bonnici *proprio* ċaħad illi għandu jwieġeb għal dik il-parti tad-dejn, iż-żewġ konvenuti ċaħdu li huma debituri tal-bqija tad-dejn. Il-qorti għalhekk b'dikriet mogħti dakinhar stess ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali u tat lill-konvenuti għoxrin jum biex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom kif trid il-liġi. Madankollu, il-konvenuti ma ressqux eċċezzjonijiet u baqgħu kontumaċi, u t-talba tagħhom biex jiġġustifikaw il-kontumaċja kienet miċħuda b'sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2008. Wara li nstemgħet ix-xiehda tas-soċjetà attriċi l-qorti tat żmien lill-konvenuti biex jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub, kif irid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-konvenuti għamlu dan b'nota tat-22 t'Ottubru 2008. L-attriċi wieġbet b'nota tat-23 ta' Jannar 2009.

L-attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' tnax-il elf, sitt mija u wieħed u erbgħin lira u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm12,641.96) – daqs disgħa u għoxrin elf, erba' mija u sebgħa u erbgħin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€29,447.85) – prezz ta' merkanzija konsenjata lil *Bar Funk* f'idejn ċertu Paul Debattista, u għaxart elef, ħames mija u tlieta u tmenin lira u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm10,583.56) – daqs erbgħa u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u ħamsin euro u sitt ċenteżmi (€24,653.06) – prezz ta' merkanzija konsenjata lill-konvenuta *Red Square Limited*.

Il-konvenuta *Red Square Limited* ma hijiex qiegħda tikkontesta li għandha tagħti l-prezz tal-merkanzija konsenjata lilha, iżda l-konvenut Bonnici ċaħad li għandu jwieġeb hu wkoll għal dan id-dejn.

Il-ftehim bejn l-attriċi u *Red Square Limited* biex din tal-aħħar titħalla tħallas bin-nifs kien iffirmat f'isimha mill-konvenut Bonnici bħala direttur. Fost il-pattijiet tal-ftehim (*terms and conditions of credit*) hemm dak li jgħid illi "*The Directors … … … of the private company signing this agreement bind themselves personally to the Company* [is-soċjetà attriċi], *which accepts, in solidum together with the private company, to the performance of all the obligations under these Terms and Conditions of Credit. In particular, … … … they shall be personally liable, in solidum, with the private company, for the repayment of*

*all overdue payments and interest due to the Company under this agreement … ……*"

Il-konvenut Bonnici mhux biss iffirma bħala direttur ta' *Red Square Limited* iżda huwa wkoll muri bħala direttur fuq l-istatut tas-soċjetà. Għalhekk bis-saħħa tal-ftehim huwa marbut bħala garanti *in solidum* mas-soċjetà għall-ħlas ta' din il-parti tad-dejn. Min-nota tal-konvenuti tat-22 t'Ottubru 2008 jidher illi l-konvenut Bonnici *proprio* issa ma għadux jikkontesta illi għandu jwieġeb għal din il-parti tad-dejn.

Dwar il-prezz tal-merkanzija konsenjata lil *Bar Funk* u Paul Debattista, għandu jingħad illi l-fattura ta' l-attriċi nħarġet fuq dawn, u mhux fuq il-konvenuti. Il-konvenuti jgħidu li ma għandhomx x'jaqsmu ma' dawn u għalhekk ma jweġbux għad-dejn; l-attriċi iżda tgħid illi *Bar Funk* kien *outlet* immexxi mill-konvenuta *Red Square Limited*.

Il-qorti ma hijiex għal kollox sodisfatta illi l-konvenuta *Red Square Limited* kienet tmexxi *Bar Funk*. Ix-xiehda turi biss illi *Bar Funk* xi darba kien jismu *Red Square*, iżda dan ma jfissirx bilfors li kien immexxi minn *Red Square Limited.* Barra minn hekk, ir-rappreżentant ta' l-Awtorità dwar it-Turiżmu ta' Malta xehed illi t-talba għall-liċenza biex jitmexxa *Bar Funk* kienet saret minn ċertu John Debattista u minn soċjetà oħra – *Click Limited* – u mhux mill-konvenuta. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, il-provi ma jurux illi l-konvenuti jwieġbu għall-ħlas tal-prezz tal-merkanzija konsenjata lil *Bar Funk* u Paul Debattista.

Għal din ir-raġuni l-qorti sejra tilqa' biss it-talba għall-ħlas ta' erbgħa u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u ħamsin euro u sitt ċenteżmi (€24,653.06), u qiegħda taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti *Red Square Limited* u Donald John Bonnici *in solidum* iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u ħamsin euro u sitt ċenteżmi (€24,653.06) flimkien mal-imgħaxijiet kummerċjali fuq dik is-somma sa meta jsir il-ħlas.

L-ispejjeż, ħlief dawk li dwarhom ġà ngħatat deċiżjoni fis-sentenza tas-6 ta' Frar 2008, għandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-attriċi u l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------